MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1115/2000/1

**Carmen, Paul u Andrew McKenna fil-kapacita` taghhom bhala eredi tal-mejjet Edmond McKenna u b'digriet tas-26 ta' Gunju 2006, stante l-mewt ta' Carmen McKenna fil-mori ta' l-appell, l-atti gew trasfuzi f'isem Paul McKenna u Andrew u Lorraine konjugi McKenna fil-kapacita` taghhom bhala l-legittimi rapprezentanti ta' wliedhom minuri Benjamin u Zara ahwa McKenna**

**v.**

**Edrichton Services Limited u Clover Holdings Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Dicembru 2003, fil-kawza fl-ismijiet premessi, li fiha gie deciz hekk,

“F’din il-kawza l-atturi qeghdin ifittxu ghad-danni ghax ighidu illi l-konvenuti jahtu ghall-mewt ta’ l-awtur taghhom.

“Ic-citazzjoni tghid illi Edmond McKenna kien imexxi *Lounge Bar & Restaurant* fil-kumpless maghruf bhala *Clover Holiday Complex* fi Triq it-Tartarun, il-Qawra. Edmond McKenna miet fit-22 ta’ Lulju 1998 f’incident li sehh fil-kumpless, meta ceda poggaman ta’ l-aluminju.

“L-atturi jghidu illi l-incident sehh bi htija tas-socjetajiet konvenuti jew ta’ xi wahda minnhom, izda ghalxejn sejhulhom biex jaghmlu tajjeb ghad-danni. Ghalhekk fethu din il-kawza u qeghdin jitolbu illi l-qorti:

1. tghid illi l-incident tat-22 ta’ Lulju 1998 sehh bi htija tal-konvenuti wehedhom, jew ta’ xi wahda minnhom;

2. tillikwida d-danni li garrbu l-atturi; u

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-ispejjez tal-kawza.

“Iz-zewg konvenuti ressqu l-istess eccezzjonijiet, li huma dawn:

1. qabel xejn trid issir prova illi l-atturi tassew huma l-werrieta tal-mejjet; u

2. l-incident sehh bi htija tal-mejjet wahdu u b’ebda htija tas-socjetà eccipjenti.

“Nibdew billi nqisu l-ewwel eccezzjoni, dwar jekk l-atturi humiex tassew *aventi causa* mill-mejjet. Kif juru c-

certifikati ta' tiftix ta' testmenti[1], Edmond McKenna miet bla ma ghamel testment. Nutar li taf il-familja halfet[2] illi kellu zewg ulied, li huma l-atturi Andrew u Paul. Ghalhekk is-successuri tieghu huma z-zewg uliedu, waqt li martu, l-attrici Carmen McKenna, ghandha l-interess ta' sehemha fil-komunjoni.

"Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, il-prova li riedet l-ewwel eccezzjoni saret.
Nghaddu issa biex inqisu l-incident meritu tal-kawza tallum.

"Edmond McKenna kien imexxi *bar* u *restaurant* f'ambjenti li kien jikri minghand il-konvenuti u li huma parti minn kumpless turistiku mmexxi mill-konvenuti. Il-*bar* qieghed fis-sular ta' isfel, u minn dan il-*bar* tista' tohrog f'*pool area* li ma hix parti mill-kirja u li hija f'idejn il-konvenuti. Fuq hemm terrazzin li jwassal ghal arja ohra fejn dakinhar ta' l-incident kien hemm *barbecue* organizzat minn McKenna. Ghal dan it-terrazzin tista' tasal kemm mill-*bar* permezz ta' *lift* jew ta' tarag, u kif ukoll mill-*pool area* permezz ta' garigor mikxuf.

"Fil-hin ta' l-incident il-bibien mill-*bar* ghall-*pool area* kienu msakkra billi f'dak il-hin il-*pool* ma kellhiex tintuza. Il-garigor li mill-*pool area* jaghti ghat-terrazzin ukoll kien maghluq billi tqieghdet katina quddiemu.

"Meta bdew gejjin in-nies ghall-*barbecue* ma kienx hemm bizzejjed imwejjed u kienet mehtiega mejda ohra. Kien hemm imwejjed tal-*plastic* fil-*pool area* u ghalhekk Mario Sciberras, impjegat ta' McKenna, nizel fil-*pool area* biex jiehu mejda minn hemm u jtellaghha fuq. Billi l-bibien mill-*bar* ghall-*pool area* kienu msakkra, Sciberras ma setax ighaddi minn hemm; ghalhekk nizel mill-garigor, qabez il-katina u hareg fil-*pool area.* Billi l-mejda kienet hafifa ghax tal-*plastic*, Scibberras gholliha 'l fuq minn sieq wahda biex jilhaqha McKenna li kien qieghed jistennieha fit-terrazzin. Biex jilhaqha, McKenna ixxabbat billi miel

[1] *Fol.* 40 *et seq.*

[2] Ara l-istqarrija mahlufa tan-Nutar Margaret Heywood, *fol.* 223 *et seq.*

minn qaddu u serrah b'id wahda ma' poggaman tal-metall li kien jifforma parti mill-opramorta mat-tarf tat-terrazzin fejn dan ihares fuq il-*pool area*.

"B'din il-manuvra McKenna ghamel forza mal-genb tal-poggaman. L-irbit tac-cnagen ta' l-opramorta ma felahx ghal din il-forza: il-poggaman intefa' 'l barra, gibed mieghu c-cnagen li kien marbut maghhom, u hekk dak li kien qed jistrieh mieghu McKenna ma baqax izommu. McKenna gheleb ghal isfel, gie ghal rasu mill-gholi tat-terrazzin ghall-*pool area* u miet ftit sighat wara minhabba fil-griehi li garrab f'rasu.

"Huwa relevanti wkoll il-fatt illi, xi zmien qabel l-incident fatali ta' McKenna, kien hemm incident iehor fejn turista serrhet ma' l-istess hajt u hassitu jcedi warajha. Hija gharrfet b'dan lil min kien inkarikat, f'isem il-konvenuti, mill-kumpless, u saru xi tiswijiet[3]. Tassew illi l-konvenuti jichdu li sehh dan l-ewwel incident, ghax ighidu li ma hemm ebda *record* tieghu fil-ktieb li huma jzommu bhala *log* ta' l-ilmenti li jaghmlu t-turisti dwar il-kumpless. Madankollu, il-qorti aktar hija tal-fehma illi n-nuqqas ta' *record* huwa ghax ma kienx hemm komunikazzjoni dwaru bejn l-impjegati u d-dirigenti tal-konvenuti, u temmen illi dan l-ewwel incident tassew sehh.

"L-atturi issa qeghdin ighidu illi l-konvenuti jahtu ghall-incident, taht l-art. 1041 tal-Kodici Civili, ghax ma zammewx l-opramorta fi stat tajjeb tant li ma felhitx il-piz ta' l-awtur taghhom meta dan serrah maghha:

" **1041.** Is-sid ta' bini jwiegeb ghall-hsara li ssir mit-tigrif tal-bini, meta dan it-tigrif jigri minhabba nuqqas ta' tiswijiet, jew minhabba difett fix-xoghol tal-bini, izda dan kemm-il darba s-sid kien jaf b'dak id-difett, jew kellu ragun jahseb li dak id-difett kien jezisti.

"Ma hux kontestat illi l-arja fejn sehh l-incident kienu responsabbli ghaliha l-konvenuti. Il-konvenuti, izda, qeghdin jichdu l-htija u jghidu illi n-nuqqas kien ta'

[3] Ara x-xiehda ta' Eileen Gertrude Hewitt fit-23 ta' Jannar 2003, *fol.* 150 *et seq.*

McKenna stess. Fin-nota taghhom tas-7 ta’ Lulju 2003 fissru ghaliex qeghdin ighidu hekk.

“L-ewwel raguni mressqa mill-konvenuti hija li l-awtur ta’ l-atturi dahal f’ambjenti fejn ma kellu ebda jedd illi jidhol ghax it-terrazzin mnejn waqa’ ma kienx parti mill-ambjenti mikrija lilu.

“Il-fatt izda li t-terrazzin ma kienx parti mill-ambjenti mikrija ma jfissirx illi l-konvenut ghamel xi haga illecita billi mar hemm, bhallikieku kien mehtieg xi permess specifiku mill-konvenuti biex xi hadd imur fit-terrazzin. It-terrazzin ma hux xi ambjent maghluq li l-konvenuti jistghu ragonevolment jahsbu li hadd ma hu sejjer imur fih u li ghalhekk ma hemmx ghalfejn izommuh hieles mill-perikoli. Anzi huwa ambjent ghal kollox miftuh u McKenna ma ghamel ebda spoll billi mar fih.

“Il-konvenuti jghidu wkoll li McKenna ma kellu ebda jedd jibghat lil Sciberras fil-*pool area* biex minn hemm igib il-mejda.

“Tassew illi kien hemm x’juri illi, f’dak il-hin, ma kienx hemm access ghall-*pool area*, billi l-bibien li jaghtu ghal dik l-*area* mill-*bar* kienu msakkra u t-tarag li jaghti mit-terrazzin kien maghluq bil-katina. Dan l-argument kien forsi jkollu xi relevanza li kieku korra min mar fil-*pool area*, izda McKenna ma kienx fil-*pool area* meta ceda l-hajt bih: kien f’ambjent li ma kellu xejn li juri li hadd ma kellu jidhol fih.

“Il-konvenuti jghidu wkoll illi McKenna, meta serrah mal-poggaman, ghamel uzu li la kien ordinarju u lanqas ragjonevoli.

“Il-poggaman huwa mahsub ukoll biex izomm lin-nies milli jaqghu mit-terrazzin ghal isfel; ma hux xi bicca spaga biex juri li ma ghandekx tkompli miexi ’l barra ghax inkella taqa’. It-terrazzin fejn ihares fuq il-*pool area* huwa mdawwar b’cint li ghandu partijiet baxxi u partijiet oghla, u ghall-wisa’ tal-partijiet baxxi hemm stanga tal-metall mimduda u marbuta mal-partijiet oghla tac-cint. Ma tridx

wisq biex tobsor li xi hadd jista' jserrah mac-cint jew mal-poggaman biex jittawwal ghal isfel, u ghalhekk ma tridx wisq biex tahseb illi c-cint u l-poggaman ghandhom jifilhu ghal forza gejja mill-genb. Ghalhekk kien obbligu tal-konvenuti li jaraw li c-cint u l-poggaman kienu jifilhu piz ta' bniedem, aktar u aktar meta gà kien hemm incident iehor li, jekk ma kinux jafu bih, kien imisshom ikunu jafu bih.

"L-ahhar argument tal-konvenuti hu li McKenna seta' facilment ghazel metodu iehor kif itella' l-mejda flok jixxabbat biex jehodha minghand Sciberras.

"Il-kwistjoni izda ma hix jekk setax mexa mod iehor; il-kwistjoni hija jekk dak li ghamel kienx haga hekk barra minn postha u hekk imbieghda minn dak li tista' tistenna li l-prekawzjonijiet normali ma jservu ghal xejn. Rajna, izda, li dak li ghamel McKenna — li serrah idu ma' poggaman biex jixxabbat — ma kinitx haga hekk imprevedibbli, u l-incident sehh mhux ghax Mckenna ghamel xi haga li ma tistennihiex izda ghax ic-cint u l-poggaman ma kinux jifilhu bizzejjed.

"Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, kien in-nuqqas tal-konvenuti li jzommu l-proprjetà taghhom fi stat tajjeb li wassal ghall-incident, u huwa dan in-nuqqas, flimkien mal-fatt illi l-konvenuti kien imisshom jafu li c-cint ma kienx fi stat tajjeb, ghax kien hemm episodju iehor qabel li kien juri d-djufija tieghu, li jitfa' fuqhom il-htija skond l-art. 1041 tal-Kodici Civili.

"Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel talba ta' l-atturi sejra tintlaqa'. Billi ma hux possibbli li l-htija tinqasam, iz-zewg konvenuti jinzammu responsabbli *in solidum*, kif ighid l-art. 1050(1) tal-Kodici Civili:

" **1050.** (1) Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn.

"Nghaddu issa ghal-likwidazzjoni tad-danni.

"McKenna kellu tmienja u erbghin (48) sena meta miet u kien jahdem ghal rasu; il-qorti taqbel ma' l-atturi li tlittax-il (13) sena jkunu *multiplier* xieraq.

"Kien ha f'idejh in-negozju tar-*restaurant* fl-1997[4], u ma ngibitx prova dwar x'kien id-dhul min-negozju ghal dik is-sena u ghas-sena 1998 sakemm miet. L-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom jissuggerixxu dhul medju ta' tlitt elef tliet mija u sittin lira (Lm3,360) fis-sena; din il-figura ma gietx kontestata mill-konvenuti u fil-fehma tal-qorti hija ragjonevoli, anzi forsi konservattiva. Ghalhekk, biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas fis-siwi tal-flus matul is-snin u wkoll ghaz-zjieda li x'aktarx kienet issehh fid-dhul li kieku McKenna baqa' jmexxi n-negozju, il-qorti sejra timxi fuq dhul medju ta' hamest elef lira (Lm5,000) fis-sena.
*Lucrum cessans* ghal tlittax-il sena ghalhekk jigi hamsa u sittin elf lira (Lm65,000).

"Gà ghaddew hamsa (5) mit-tlittax-il (13) sena tal-*multiplier*. Ghalhekk il-vantagg illi l-atturi sejrin jiehdu billi jdahhlu bil-quddiem id-dhul ta' xi snin huwa pacjut mat-telf billi sejrin idahhlu b'lura d-dhul ghal snin ohra, u ghal din ir-raguni l-qorti taqbel ma' l-atturi li ma ghandu jsir ebda tnaqqis mis-somma likwidata bhala *lucrum cessans*, b'dan izda li l-imghax ghandu jibda jghaddi millum.

"Il-qorti ghalhekk tillikwida d-danni, kif irid l-art. 1046 tal-Kodici Civili[5], fis-somma ta' hamsa u sittin elf lira (Lm65,000).

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti taqta' l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tghid li kienu l-konvenuti li jahtu ghall-mewt ta' l-awtur ta' l-atturi, tillikwida d-danni ta' l-atturi fis-somma ta' hamsa u sittin elf

---

4 Ara l-kuntratt ta' kiri tat-18 ta' Marzu 1997, *fol*. 238 *et seq*.

5 **1046.** Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali ikkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacità totali ghal dejjem, … … …

lira (Lm65,000) u tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* ihallsu lill-atturi hamsa u sittin elf lira (Lm65,000).

“Tikkundannahom ukoll ihallsu l-ispejjez gudizzjarji kollha.”

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti hassewhom aggravati b’din is-sentenza u ghalhekk interponew appell minnha u talbu hekk:

(1) illi din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib li l-konvenuti appellanti m’humiex responsabbli ghall-incident de quo u tillberahom mit-talbiet attrici, jew in difett;

(2) illi din l-Onorabbli Qorti tvarja s-sentenza appellata billi ssib illi d-decujus ikkontribwixxa ghall-incident u ghalhekk takkolla lill-appellanti b’parti mir-responsabbilita` u mhux bir-responsabbilita` kollha; u

(3) illi fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib li l-appellanti ghandhom xi responsabbilita` ghall-incident, din tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tirrevedi l-kalkoli tal-likwidazzjoni tad-danni in linea mal-metodi hawn fuq sottomessi.

**IR-RISPOSTA TA’ L-APPELLATI**

3. L-atturi appellati wiegbu li l-appell tal-konvenuti ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

4. L-appell tal-konvenuti jolqot kemm l-aspett dwar ir-responsabbilita` ghal dak illi gara – mewt ta’ persuna fil-kumpless ta’ bini proprjeta` tal-konvenuti – kif ukoll l-aspett dwar il-quantum li gie likwidat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad in linea ta’ danni.

5.1 Dwar ir-responsabbilita`, il-konvenuti ghadhom jinsistu li l-mewt tragika ta' Edmond McKenna fit-22 ta' Lulju 1998, ma gratx minhabba xi tort attribwibbli lilhom imma kienet invece konsegwenza diretta ta' l-agir inkonsult u imprudenti da parti tal-vittma stess. Huwa minnu li bhala parti mill-aggravju, l-appellanti <u>in subsidium</u> jinvitaw ukoll lil din il-Qorti biex tara jekk kienx hemm ta' lanqas kontributorjeta` f'dik li hija htija da parti tal-vittma, imma l-qofol ta' l-aggravju huwa li l-incident *de quo* "gara unikament minhabba li d-<u>decuius</u> ghamel uzu mhux ragjonevoli ta' poggaman li qatt certament ma kien intiz ghal dak l-uzu".

5.2 L-appellanti ripetutament jillanja mill-fatt li, skond huma, l-ewwel Qorti injorat jew skartat ghal kollox is-sensiela tal-provi u sottomissjonijiet li huma ressqu ghall-konsiderazzjonijiet taghha bir-rizultat li minflok skagjonathom minn kull htija, sabithom unikament responsabbli. Huma jinsistu li d-dinamika ta' l-incident kienet tali li tezimi lill-konvneuti minn dik li hija responsabbilita`. Skond l-appelanti, il-vittma ma mietx ghaliex serrah mal-poggaman ossija "railing" in kwistjoni, u li jinsab fil-kumpless maghruf bl-isem ta' "Clover Complex", gewwa l-Qawra, imma ghaliex "huwa (i.e. il-vittma) ghazel li jixxabbat mieghu (i.e. mal-poggaman) u dan billi jesporgi ruhu 'l barra minn qaddu 'l fuq" u dan kollu sehh inoltre f'kuntest fejn il-vittma lanqas suppost ma setghet taccedi f'dik il-parti tal-kumpless fil-hin li dan sehh ghaliex kien "off-limits".

6. Din il-Qorti, wara li gharblet sew u mill-gdid il-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti u hadet kont kemm tas-sottomissjonijiet in iskritt u dawk verbali, hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kkonkludiet b'mod gust u korrett meta finalment sabet lill-konvenuti <u>unikament</u> responsabbli ghas-sinistru li b'rizultat tieghu tilef hajtu l-imsemmi Edmund Mckenna fit-22 ta' Lulju 1998, fl-eta` ta' 48 sena.

7. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li l-fatt li l-vittma mhux suppost kienet qeghda fizikament prezenti fil-lok ta' l-incident meta hija waqghet mit-terrazzin ghal isfel ghas-semplici raguni li f'dawk il-hinijiet dik il-parti tal-kumpless

kienet maghluqa ghall-pubbliku ma holoq ebda rabta jew ness ta' kawza u effett bejn tali prezenza u l-waqgha ta' KcKenna minn din il-parti tat-terrazzin ghall-ambjent sottostanti. L-argument ta' l-appellanti mhuwiex ghajr sofizmu bla sustanza. Il-parti fejn sehh l-incident ma kenitx maghluqa ghall-pubbliku minhabba ragunijiet ta' nuqqas ta' sigurezza fl-istruttura tal-poggaman, imma kienet dovuta semplicement ghall-fatt li fil-hinijiet ta' filghaxija u tul il-lejl, dik il-parti fejn kien hemm il-pixxina ma kenitx tintuza u allura kienet "off-limit". Fi kliem iehor, l-incident de quo ma garax ghaliex kull min ried jaccedi ghal dik il-parti tal-kumpless kien qieghed jinkorri jew jirriskja xi periklu. L-incident invece gara minhabba xi haga ohra u li kienet ghal kollox indipendenti mill-fatt li l-vittma kien jinsab f'dik il-parti tal-kumpless fejn ceda r-"railing".

8. Dwar id-dinamika tas-sinistru l-appellanti ghamlu sensiela ta' sottomissjonijiet b'mod mill-izjed sostentut, imma garbat u studjat sew, biex juru u jikkonvincu lil din il-Qorti ta' revizjoni li, bil-maqlub ta' dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, l-incident in ezami gara ghar-raguni li Edmund McKenna ghazel li jtella' mejda minn ambjent ghal iehor aktar elevat u dan billi jixxabbat ma' dik il-parti tal-poggaman li b'rizultat dirett ta' din il-manuvra cediet. Fi kliem iehor, hemm bizzejjed provi, jghidu l-konvenuti, li juru li kien proprju dan l-uzu barra mill-ordinarju u 'l hinn minn dak li hu meqjus bhala ragjonevoli li wassal ghac-cediment tar-"railing" u mhux ghaliex l-istruttura tieghu kienet wahda difettuza.

9. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, m'hija konvinta xejn mill-fondatezza ta' dak li l-konvenuti avvanzaw bhala r-raguni probabbli li tat lok ghall-incident. Huwa minnu li l-vittma sporgiet 'il barra biex setghet tiehu l-piz tal-mejda li riedet ittella' fl-ambjent ta' fuq ta' l-imsemmi kumpless, bhalma huwa wkoll minnu – ghalkemm b'aktar diffikulta` – li seta' sar uzu ta' tarag spirali ftit distanti mnejn gara l-kaz. Madanakollu hemm provi sufficjenti li juru li s-sinistru sehh ghaliex dik il-parti tar-"railing" kienet strutturalment dghajfa ossija "unsafe". Naturalment, il-kawza prossima li kkagunat u pprecipitat ic-cediment kien l-"uzu" li sar da

parti tal-vittma meta dan serrah mar-“railing” imma fil-fehma tal-Qorti, li kieku r-“railing” kien ikollokkat sew, l-incident ma kienx jissucciedi. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, mertu ta' dan l-appell,
“Il-poggaman huwa mahsub ukoll biex izomm lin-nies milli jaqghu mit-terrazzin ghal isfel; ma hux xi bicca spaga biex juri li ma ghandekx tkompli miexi 'l barra ghax inkella taqa' ……”

xx omissis xx

“Ghalhekk kien obbligu tal-konvenuti li jaraw li c-cint u l-poggaman kienu jifilhu piz ta' bniedem, aktar u aktar meta gia` kien hemm inicident iehor li, jekk ma kenux jafu bih, kien imissihom ikunu jafu bih.”

Dwar l-uzu li sar minnu mill-vittma, l-istess Qorti kompliet hekk,
“Rajna, izda, li dak li ghamel McKenna – li serrah idu ma' poggaman biex jixxabbat – ma kenitx haga hekk imprevedibbli, u l-incident sehh mhux ghax McKenna ghamel xi haga li ma tistennihiex izda ghax ic-cint u l-poggaman ma kenux jifilhu bizzejjed.”

Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-kostatazzjoniijiet kollha maghmulin mill-ewwel Qorti u zzid li l-konvenuti ma jistghux jippretendu li fis-sentenza taghha dik u/jew din il-Qorti jridu necessarjament joqoghdu jirrepetu kull argument intavolat mill-partijiet fil-korp tas-sentenza. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, hadet kont tal-provi kollha mressqa quddiem l-ewwel Qorti u hija tal-ferma konvinzjoni li ma hemm ebda lok ghal xi varjazzjoni ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' htija minn kif hemm deciz. Huwa veru li l-vittma ghamel pressjoni fuq il-poggaman in kwistjoni meta ddecieda li jtella' mejda minn ambjent sottostanti ghalih imma hemm provi sufficjenti li juru li l-poggaman effettivament ceda – wara li kien gia` ccaqlaq xi sena qabel fl-istess post qabel l-akkadut – ghar-raguni li ma kienx imqieghed skond l-arti u s-sengha. Di fatti jekk wiehed jifli x'qal il-perit arkitett li “a tempo vergine” kien gie

nominat waqt l-inkjesta magisterjali – ara fol. 3 tal-procés-verbal, a fol. 14 tal-process – fih isib li l-AIC Richard Aquilina jghid hekk,
“Illi l-incident kien gara x’hin Edmond (McKenna) strah fuq l-ilqugh ta’ l-aluminium giet ezercitata pressjoni laterali fuq il-pilastru li b’hekk il-gebel inqala’ minn postu u waqa’ bir-rail b’kollox. Il-gebel kien imqieghed fuq il-fil tal-bricks u kien inzamm biss bit-tajn ta’ bejnietu. Ma kien hemm l-ebda irbit bejn filata u ohra l-inqas mal-hajt.”

Jirrizulta kwindi evidenti illi li kieku l-kostruzzjoni tal-poggaman u l-qafas tieghu saru b’mod tajjeb ma kien ikun hemm l-ebda cediment. L-incident, ghalkemm ipprecipitat minn McKenna, kien effett dirett tal-fatt li din il-parti tal-kumpless *de quo* kienet ikkostruwita malament. Seta’ kien il-kaz li l-konvenuti, jekk dehrilhom hekk opportun, li jikkjamaw fil-kawza lill-perit u lill-bennej li kienu responsabbli mill-kostruzzjoni tar-“railing” imma, minflok, huma baqghu jinsistu li l-incident sehh unikament b’tort ta’ Emdond McKenna nnifsu (ara nota ta’ eccezzjonijiet, a fol. 8 tal-process) u baqghu ma ccaqilqux minn din il-posizzjoni. Fir-rikors ta’ appell, bhalma diga` kienu ghamlu fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenuti ghamlu li setghu biex jindebolixxu u jiskreditaw l-attendibilita` tad-deposizzjonijiet moghtijin minn, fost ohrajn, Monique Rapa u Mario Sciberras; pero` din il-linja difensjonali, fil-fehma konsiderata ta’ din l-Qorti, ma biddlet xejn minn dak li deher daqstant ovvju, jigifieri li l-kawza vera u proprja ta’ dak li gara kienet dovuta unikament ghall-kostruzzjoni hazina tal-poggaman u l-ambjent strutturali ta’ madwaru u mhux, kif riedu jghidu l-konvenuti appellanti, ghall-fatt li l-vittma ghamlet uzu hazin u/jew irragjonevoli mill-istess poggaman. Ghalhekk dn il-Qorti jidhrilha li l-ewwel aggravju riferibbilment ghar-responsabbilita` ta’ l-incident huwa infondat u jimmerita li jigi michud.

10. Din il-Qorti lanqas jidhrilha li huwa l-kaz fejn issib xi htija kontributorja da parti tal-vittma, kif gie in subsidium suggerit mill-appellanti fil-korp tar-rikors ta’ appell. Ankorké l-imsemmi Edmond McKenna sporga ’l barra mir-

“railing” biex jiehu u jinnalza l-mejda, xorta wahda jidhrilha li din ma kenitx ir-raguni li tat lok ghac-cediment. Bil-pressjoni b’kollox li l-konvenuti jghidu li l-vittma kellha taghmel fuq il-poggaman biex ittella’ l-mejda, ic-cediment tal-poggaman ossija “railing” sehh unikament minhabba d-difett fl-istruttura tieghu u ghall-ebda raguni ohra konkomitanti.

11.1 It-tieni aggravju huwa invece relatat mal-quantum tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti. L-appellanti qablu li ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ “multiplier”, firxa fuq perijodu ta’ tlettax-il sena, kif adottata mill-ewwel Qorti, kienet wahda gusta u ekwa. Madankollu, l-appellanti kkontestaw il-bqija ta’ l-ezercizzju ta’ kalkolu li gie adoperat minn dik il-Qorti, li finalment spiccata biex illikwidat l-ammont ta’ Lm65,000.00c in linea ta’ danni per saldu.

11.2 In succint, il-lanjanzi tal-konvneuti appellanti huma dawn li gejjin:-

(i) id-dhul medju tad-decujus kien ta’ Lm3,360 per annum. Dan ma giex ikkontestat. L-ewwel Qorti, minghajr ma giet mitluba, iddecidiet minn jeddha li tapplika cifra ta’ Lm5,000 fis-sena. A bazi ta’ kalkoli maghmulha minnhom, l-appellanti jissottomettu li d-danni – salv riduzzjonijiet li jridu jitqiesu wkoll (ara paragrafi sussegwenti) – kellmhom se mai jkunu fl-ammont ta’ Lm54,050 u mhux kif iddecidiet l-ewwel Qorti;

(ii) l-ewwel Qorti inoltre ma qatghetx l-20% ghal-lump sum payment kif inhi l-prassi. Tnaqqis imqar ta’ 4% kien jirriduci s-somma likwidata ta’ Lm54,050 ghal dik inferjuri ta’ Lm45,402;

(iii) L-ewwel Qorti ma hadet in konsiderazzjoni ebda kuncett ta’ own consumption. Tnaqqis ta’ 25% kien jirriduci d-danni ulterjorment ghal Lm34,051;

(iv) Tenut ukoll kont tad-decizjoni ta’ din il-Qorti fil-kawza Turner et v. Agius et, deciza fit-28 ta’ Novembru 2003, tqum il-kwistjoni dwar l-applikabilita` tad-degree of dependency. L-appellanti jissottomettu li s-sehem tat-tfal

tal-vittma ghandu jitnaqqas b'zewg terzi, mnejn allura jsegwi li kull parti attrici ghandha, se mai, tircievi s-segwenti:-

| | |
|---|---|
| Carmen Mckenna: | Lm17,025 |
| Paul Mckenna: | Lm 2,810 |
| Andrew Mckenna | Lm 2,810 |
| | -------------- |
| | Lm 22,645 |
| | --------------- |

12. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-argumenti mressqa mill-appellanti in sostenn tal-lanjanzi taghhom u wara li hadet kont tar-risposta ta' l-appellati, hija tal-fehma li fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju, l-appellanti ghandhom in parte jinghataw ragun, imma ghall-bqija, is-sentenza timmerita konferma. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tibda billi tosserva li fid-diversi kalkoli li kull Qorti ghandha taghmel, hija ghandha dejjem izzomm quddiem ghajnejha li bhala ghan ahhari taghha ghandu jkollha dak li finalment id-danni likwidati jkunu jirrispekkjaw somma pekunjarja ragjonevoli u gusta bbazata fuq dak li jkun irrizultalha mill-provi. In dizimpenn ta' dan l-inkarigu jkollhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi imma, fl-ahhar mill-ahhar, certu ammont ta' diskrezzjoni u arbitrarjeta` bilfors ikollha tintrometti ruhha. Filwaqt li min-naha 'l wahda ghandha tigi mrazzna t-tentazzjoni li wiehed jispekula bl-iskop li jgholli l-ammont ta' danni, min-naha l-ohra, lanqas ma jkun sew li l-likwidazzjoni tigi sottoposta ghal sensiela ta' riduzzjonijiet li jirrenduha bla sostanza. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li filwaqt li jidher li l-parti appellata baqghet moderata u ragjonevoli fit-talba taghha dwar id-danni pretizi, il-parti appellanti gabret flimkien il-possibilitajiet kollha kif id-danni da liquidarsi jistghu jigu ridotti b'mod u manjera li l-ammont inizjali li huma stess jissuggerixxu li ghandu jservi bhala bazi (jigifieri Lm54,050) jigi gradwalment ridott ghal anqas min-nofs!

13. Kif gia` nghad, ma hemm ebda punt ta' kontestazzjoni dwar il-firxa tal-"multiplier" applikat mill-ewwel Qorti,

jigifieri firxa ta' tlettax-il sena. Edmond Mckenna, il-vittma, kellu 48 sena meta miet u jidher ghalhekk li fuq dan il-punt hemm qbil. Dwar l-ammont li ttiehed mill-ewwel Qorti bhala bazi ghal dak li jikkoncerna l-qligh annwu tad-decujus, din il-Qorti jkollha tistqarr li kienet kemmxejn perplessa ghal mod kif ipprocediet l-ewwel Qorti dwar dan il-punt. L-atturi appellati avanzaw pretensjoni ta' dhul medju annwu ta' Lm3,360. Il-kontro-parti ma opponietx. L-ewwel Qorti wara li qieset li tali pretensjoni kienet wahda ragjonevoli dehrilha pero` li din kienet "forsi konservattiva". Biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas fis-siwi tal-flus matul is-snin u awment naturali f'dak li hu qligh bil-hidma tal-vittma stess, li kien jahdem ghal rasu, l-ewwel Qorti dehrilha opportun li "arbitrio boni viri" tawmenta din il-bazi annwa minn Lm3,360 (kif suggerit mill-atturi stess) ghal wahda ta' Lm5,000. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut anke tal-konsiderazzjonijiet moghtijin mill-Qorti stess, dan l-awment – zieda ta' Lm1,640 minn dak pretiz – jidher li kien wiehed eccessiv u mhux gustifikat. L-aggravju tal-konvenuti, ghalhekk, taht dan l-aspett, jidher gustifikat u din il-Qorti sejra, minflok, tirriduci dan l-awment bin-nofs. Dan ifisser mela li bhala bazi ghall-fini ta' paga annwa, din ghandha tikkomprendi Lm3,360 (paga dikjarata) kif ukoll zieda ta' Lm820 (i.e. Lm1,640 ÷ 2), jigifieri Lm4,180 (erbat elef mija u tmenin lira).

14. L-appellanti, inoltre, talbu l-applikazzjoni ta' tlett ezercizzji ta' riduzzjoni tas-somma globali li talvolta tirrizulta dovuta in linea ta' danni jigifieri tnaqqis ghal fini tas-segwenti:

(i) "own consumption";

(ii) "degree of dependency;"

(iii) "lump sum payment."

15. Fir-rigward ta' l-ewwel zewg kategoriji ghal fini ta' tnaqqis, l-appellanti jaghmlu riferenza fost ohrajn, ghall-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet "Turner et v. Agius et" (ibid) deciza fit-28 ta' Novembru 2003. Din il-

Qorti pero` tirrileva li dik id-decizjoni, ghalkemm tassew hadet fiha in konsiderazzjoni dawn iz-zewg tipi ta' riduzzjoni meta giet biex tiffissa d-danni, kellha fattispecje differenti hafna minn dawk in ezami. Bizzejjed jinghad li f'dik il-kawza l-vittma kienet xebba li kellha anqas minn ghoxrin sena u mhux, bhal fil-kaz prezenti, persuna ta' 48 sena bi tfal mizzewgin adulti. Tajjeb li jinghad ukoll li mill-"multiplier" mifrux fuq perijodu ta' tlettax-il sena, diga` "ghaddew " tmien snin, fis-sens li l-incident fatali sehh fit-22 ta' Lulju 1998 u sal-lum il-beneficcjarji prospettivi ghadhom ma rcevew ebda kumpens. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, bhal dik ta' qabilha, li mhux il-kaz li ghandhom jittiehdu mizuri ta' tnaqqis tax-xorta indikati mill-appellanti.

16. Fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' tnaqqis ghall-fatt li ser ikun hemm hlas f'daqqa wahda ("lump sum payment"), hawn ukoll ghandu jitqies li wara tmien snin mill-akkadut il-beneficcjarji ghadhom ma hadu xejn u li kieku din is-somma thallset tmien snin ilu, kien ikun hemm il-possibilita` li tigi investita u kienet allura tattira hlas ta' interessi. Jibqa' pero` innegabbli l-fatt li somma finali (i.e. Lm4,180 x 13 sena = Lm54,340) sejra tithallas bhala "lump sum" u ghalhekk ikun xieraq li jkun hemm tnaqqis ragjonevoli li, <u>arbitrio boni viri</u>, din il-Qorti ser tiffissah f'percentwal ta' hamsa fil-mija (5%).

Ghalhekk isegwi illi mill-ammont globali ta' danni, fl-ammont ta' Lm54,340, ghandu jkun hemm riduzzjoni ulterjuri ta' Lm2,717.00c minhabba hlas "lump sum". Dan ifisser li l-ammont ta' danni ghandu jkun ta' Lm54,340 nieqes Lm2,717, jigifieri Lm<u>51,623.00c</u> (wiehed u hamsin elf, sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin), u dan per saldu tal-pretensjoni attrici.

17. Fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez, minkejja li parti mill-aggravju ta' l-appellanti gie milqugh, dak jigifieri li jirreferi ghal tnaqqis fl-ammont tad-danni, din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandu jigi applikat xi temperament a favur ta' l-appellanti. Dan principlament hu dovut ghall-fatt li l-pern magguri ta' l-aggravju ta' l-appellanti kien ibbazat fuq it-tezi li l-konvenuti ma kienu jahtu xejn ghas-sinistru, mentri

fil-fatt jirrizulta mod iehor. Ghal din ir-raguni l-konvenuti baqghu jinsistu li ma kien dovut l-ebda hlas ta' danni lill-appellati. Minbarra dan, l-appellati originarjament kienu talbu ammont "da liquidarsi" u jirrizulta li dawn dejjem fittxew li jkunu modesti u ragjonevoli ghall-ahhar f'dik li hija pretensjoni dwar danni. Fil-fatt, kif gia` ntqal supra, it-tnaqqis li sar kien dovut biss ghar-raguni li l-ezercizzju adoperat mill-ewwel Qorti ghal fini ta' likwidazzjoni ma giex abbraccjat totalment minn din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' in parte l-appell tal-konvenuti appellanti in kwantu dan jirreferi ghall-quantum tad-danni, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti li tirreferi ghat-talbiet dwar ir-responsabbilita` u hlas ta' danni da parti tal-konvenuti, izda tirriformaha in kwantu qeghda tirriduci l-ammont tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti u li ghandu jithallas lill-atturi appellati ghall-ammont ta' Lm51,623.00c (wiehed u hamsin elf, sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija) u dan per saldu.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------